# GĦAĠĠLA jew GĦAĠLA?

**Nota ta' MICHAEL AGIUS**

Liema waħda minn dawn iż-żewġ kelmiet għandna niktbu; liema hi t-tajba?

Naraw l-ewwel x'inhu s-sies tagħha; jekk hux ta' TLIET KONSONANTI jew ta' erba' konsonanti. Is-sies ta' GĦAĠĠEL hu ta' TLIET KONSONANTI — GĦ Ġ L, bħalma sa naraw aktar 'il quddiem. GĦAĠĠEL, hu verb imnissel (tat-tieni forma) minn verb ieħor tal-ewwel forma jew minn kelma oħra li s-sies tagħha hu ta' TLIET KONSONANTI, bħal ngħidu aħna, il-verbi BIDDEL, DELLEK, U DAĦĦAK ġejjin minn BIDEL, DILEK u DAĦAK.

Fil-Malti għall-verb GĦAĠĠEL m'għandniex l-ewwel forma tiegħu; aktarx li kellu għall-bidu u ntilfet bħalma ntilfu oħrajn: Verbi bħal dawn fil-Malti għandna għadd ġmielu. Terġa' fil-Malti għandna verbi tat-tieni forma mnisslin minn nomi u aġġettivi, bħal minn GĦABRA tnisslet GĦABBRA (nom) u minn AĦMAR tnisslet ĦAMMAR (Agg) li s-sisien tagħhom huma GĦ B R u Ħ M R.

Dawn il-verbi (tat-tieni forma), minnhom infushom, juruna li jitnisslu minn verbi oħra, nomi eċċ. li s-sies tagħhom huwa ta' TLIET KONSONANTI. GĦAĠĠEL aktarx tnisslet minn GĦAĠEL (l-ewwel forma) li bħalma għedt qabel intilfet, dan narawh fin-nom verbali TAGĦĠIL li hu mnissel mill-imperattiv ta' GĦAĠEL.

Minn BIDEL, DILEK U DAĦAK, li semmejna qabel jitnisslu nomi bħal Tibdil, bdil, tibdila, bidla, tidlik, dlik, dilka, daħk, daħka. Minn ĊAĦAD, BIES, KISER u NIXEF — kollha verbi tal-ewwel forma — innisslu:

| | |
|---|---|
| ĊAĦAD — ĊAĦĦAD — Ċħid, ċaħda, Tiċħad | Sies ĊĦD |
| BIES — BEWWES — Bews, bewsa, tibwis | Sies BWS |
| KISER — KISSER — Kisra, ksur, tiksir | Sies KSR |
| NIXEF — NIXXEF — Nixfa, nxif, tinxif | Sies NXF |

Naraw daqsxejn x'nomi jitnisslu minn verbi bħal GĦAĠĠEL — li m'għandniex l-ewwel forma tagħhom:

| | |
|---|---|
| ĦAĠĠAR — taħriġ, ħaġra, ħaġar, maħġar | Sies ĦĠR |
| KEJJEL — tikjil, kejl, kejla | Sies KJL |
| KEBBEB — Tikbib, kobba, mkebba | Sies KBB |
| XITTEL — Tixtil, xitel, xitla, xtul, mixtla | Sies XTL |
| ĊELLAQ — Tiċliq, ċliq, ċelqa | Sies ĊLQ |
| QAXXAR — Taqxir, qxur, qoxra, maqxar | Sies QXR |
| FARRAK — Tifrik, frak, farka | Sies FRK |



Fin-nomi kollha li semmejna kif ukoll f'dawl li ġejjin — *waqgħa, kesħa, dawl, qawma, qatgħa, waqfa, weġgħa, wegħda, wasla, sawma, xewqa, xewka, talba, qatra, widba, għaxwa, sogħla, sogħba, sħana, ndafa, bruda, mluħa, ksuħa* u bosta oħrajn insibu illi l-KONSONANTI FOSTANIJA tas-sies qatt m'hi mtennija għax dawn huma nomi ħerġin minn verbi eċċ li s-sies tagħhom hu ta' TLIET KONSONANTI.

Dan kollu jurina li għandna niktbu GĦAĠLA u mhux għaġġla.

---

**Għal Malti Isbaħ u Aħjar**
**minn VIC APAP**

# IL-VERB "WETTAQ"

Donnu li kollox sar bil-moda! U dan l-aħħar il-verb *wettaq* daħal sew fil-moda fost ġurnalisti, kelliema, predikaturi u fost xi kittieba wkoll. Imma qegħdin jinqdew bih tajjeb? Skond l-aħjar dizzjunarji, il-verb *wettaq* għandu t-tifsira ta' *fortificare, rassodare, confermare, rendere piu' fermo, consolidare, to fortify, to strengthen, to confirm.*

Naraw issa kif qiegħed jintuża minn uħud li donnhom innamraw minn dan il-verb. Tisma' u taqra espressjonijiet bħal: "Il-ħidma li *wettqet* il-Knisja fost il-poplu", "*Wettaq* dmiru bil-għaqal", "Xewqtu *twettqet*". Skond il-fehma tagħna, f'kull wieħed mill-eżempji ta' hawn fuq il-verb wettaq ma kienx floku. Kien ikun aħjar u isbaħ kieku ntqal jew inkiteb: "Il-ħidma li *għamlet* il-Knisja fost il-poplu", "*Qeda* dmiru fil-għaqal", "Xewqtu *seħħet*".

Għaliex mela ma nagħtux ftit tal ħsieb qabel ma niktbu biex ninqdew bil-verb li jagħtina l-aħjar tifsira ta' dak li rridu ngħidu?

* * *

Sur Editur,

Naqbel ma' dak li kiteb il-ħabib tagħna s-Sur Vic. Apap fi 'Il-Malti' ta' Diċembru li għadda dwar SOGHBA u NIKET, imma naħseb, illi l-kelma ĦASRA — li tfisser "dispjaċir kbir għat-telfa ta' qarib jew ħabib" toqgħod aħjar mill-kelma NIKET li tfisser "swied il-qalb."

Għoddni Tiegħek,
MICHAEL AGIUS.